# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 10 ta'Mejju 2022

Il-Pulizija

(Spettur Jonathon Ransley)

Vs

Juanita Fenech

Jean-Louis Fenech

Il-Qorti

Rat Juanita Fenech ta' 52 sena mwielda Floriana nhar l-04 ta' Frar 1961 bint George u Jennifer nee' Rizzo u resident 77, Edwidge Ville, Triq is-Sienja, Attard Karta ta'l-identita' Nru 148761 (M)

U

Jean-Louis Fenech ta' 17 sena, iben Mario u Juanita nee' Borg Cardona, imwieled Zabbar fil-25 ta Settembru 1995, residenti 77 Edwige Ville Triq is-Sienja, Attard detentur tal-karta tal- identita'

407595(M) Ii gew akkuzati li f'dawn il-gzejjer ta bejn ix-xahar ta` Awissu tas-sena 2010 u ix-xahar ta Marzu tas-sena 2011.

1) Xjentement ghamiltu uzu minn wahda mill-karti imsemmijin fl-artikoli 166,167 u 168 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2) Ghamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat , b'falsifikasjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem , billi hloqtu pattijiet , disposizzjonijet jew obligi foloz jew helsien falz minn obligi, jew billi dahaltu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obligi jew helsien minn obligi, f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkun gew iffurmati, inkella billi ziedu jew bidlu klawzoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) Xjentement ghamilt usu minn att, jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu ta' qabel ta dan is-sub-titolu;

4) Sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom infuskom jew ghal-haddiehor, f'xi document mahsub ghal awtorita pubblika , xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz.
5) Ghamiltu falsifikazjoni ohra, jew xjentement ghamiltu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta'qabel dan;
6) Fl-istess dati, lok u hin bi hsara ta' haddiehor, ghamiltu xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu,

7) Juanita Fenech wahida akkuzati talli
Fis-7 ta' Marzu 2012 fil-Qorti ta' Malta il-Belt Valletta tajt xhieda faza f'materja civili;

8) F'dawn il-Gzejjer fis-sena 2011 ghamilt affidavit falz, kemm jekk f'Malta u kemm jekk barra minn Malta, waqt li kont taf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsuba ghal proceduri civili.

Il-Qorti rat l-artikoli 169,183,184,188,189,309,106(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti,

Rat l-ammissjoni tal-imputati wara li dawn gew imwissija bil-konsegwenza ta' tali ammissjoni minn din il-Qorti

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsiderat**

Illi il-Qorti wara li ezaminat x-xhieda kollha u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti waslet ghall-konkluzjoni li fic-cirkostanzi*, conditional discharge* hu approprijat fil-konfront taz-zewg imputati izda ghal perijodi different stante ic-cirkostanzi paritkolari ta` kull imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tikkundanna li Juanita Fenech ghal *conditional discharge* ghal perijodu ta` tlett snin u lil Jean-Louis Fenech ghal *conditional discharge* ghal perijodu ta'sena.

Magistrat Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur